**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 18 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 541/02AE**

**Malcolm u Cynthia konjugi Zammit**

**Vs**

**Philip Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u sebghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm570.32), in kwantu ghal Lm400 hlas akkont li sar lill-konvenut ghal xoghol ta' ghamara li qatt ma hadem u Lm102 valur ta' tlett pumi mixtrija mill-atturi u li baqghu fil-pussess tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat,  ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u jikkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u zewg liri Maltin (Lm502), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**